# L-Armar tal-Pjazza għall-Festa ta' Marija Bambina

## 80 Anniversarju minn meta saret din l-Opra fl-1928

John Magro

*L-armar tal-festa tal-Vitorja li jintrama' fil-pjazza tar-raħal tagħna n-Naxxar, din is-sena jagħlaq 80 sena minn meta ntrama' l-ewwel darba lest minn kollox. Dan l-armar, li sar fuq medda ta' erba' snin biss, għandna nieħdu ħsiebu għaliex huwa xhieda tal-ħeġġa u s-sengħa kbira li kellhom missirijietna. Dan hu tassew patrimonju Naxxari.*

Ftit li xejn insibu tagħrif bil-miktub dwar l-armar tal-pjazza billi l-inizjattiva tal-proġett kienet tal-Markiż John Scicluna,[1] benefattur kbir tar-raħal tagħna, tal-Kaptan Robert Mizzi[2] u ta' dilettanti oħra Naxxarin. Jiena ktibt dan l-artiklu minn informazzjoni li ħarġet fil-passat, minn dak li smajt mid-dilettanti u milli qalli Maestro Joseph Fenech. Ma' dan, żidt xi tagħrif ieħor li qatt ma' kien ħareġ qabel. Bħala kitba mxejt fuq il-manuskritt ta' Ġużeppi Grima *Ta' Marikarm*, li jinsab fl-Arkivju tal-Parroċċa.[3]

### Bidu

Fil-bidu ta' l-għoxrinijiet kien hemm il-ħsieb li jsir armar ġdid għall-pjazza. Fis-sena 1925 beda x-xogħol u tlestiet waħda miż-żewġ Piramidi (Gastri jew Pilandri) l-kbar li kellhom jitqiegħdu maż-zuntier tal-Knisja. Din ġiet esposta għas-sodisfazzjon tal-poplu u ħallas għaliha l-Markiż John Scicluna. Fis-sena ta' wara, fl-1926, tlestiet piramida oħra bħal dik tas-sena ta' qabel.[4]

Fl-1927 l-armar li jikkonsisti fi tnax-il Trofew, għaxar Gastri, tnejn minnhom kbar, maħduma mill-ferrobattuto u disa' Pedistalli bl-anġli fuqhom. Dan kollu ntrama fil-pjazza iżda kien għadu mhux lest mid-dekorazzjoni. L-armar tlesta minn kollox fis-sena ta' wara, fl-1928.

### Stil

Dan l-armar hu magħmul minn taħlita ta' stili differenti. Waqt li l-armi tat-trofej kif ukoll il-qsari żgħar tal-pilandri b'dawk l-uċuħ grotteski, joqorbu lejn l-istil Barokk. Il-pedistalli bl-anġli kif ukoll il-kolonni tal-gastri bil-pilandri huma taħlita ta' l-istili Neo-Klassiku u dak imsejjaħ "Art Nouveau" jew "Stile Liberty". L-istil li kien popolari f'dik l-epoka.



**Disinn tat-Trofew l-Antik (ċirca 1865), x'aktarx li hu ta' Dr Nikola Zammit**

Il-proporzjon hu meqjus u eleganti. Xejn ma hu magħmul goff. Dan juri l-kapaċità tad-disinjatur kif ukoll is-sengħa kbira ta' min ħadmu. Xi rħula oħra kienu ppruvaw



*Ritratti mill-ktieb oriġinali, "Per L'Arte IV", minn fejn id-disinjatur ħa l-elementi dekorattivi għall-armar tal-festa fin-Naxxar. Xi wħud minn dawn l-elementi ta' l-istil* 'Liberty'*, intużaw ukoll fl-armar ta' Birkirkara u ta' l-Imsida. B'hekk nikkonkludu li d-disinn sar minn id waħda, ċioè Giuseppe Muscat,* Ta' Mas.



*Dettall minn wieħed mill-pedistalli tal-pilandri ta' fuq iz-zuntier.*



*Vittorio Scerri, (1858-1942), ritratt meħud fl-1929. (bil-kortesija ta' Mro. Joseph Fenech)*



*Giuseppe Muscat (1886-1947),* Ta' Mas *id-disinjatur prinċipali ta' l-armar tal-pjazza. (bil-kortesija tal-familja Muscat)*





*Pittura fuq id-drapp, xogħol Ġużè Muscat,* Ta' Mas. *Innutaw ix-xandrija li Ġużè kien iħobb idaħħal ħafna fid-dekorazzjoni li hu kien jagħmel. Din insibuha kemm fl-armar tal-Pjazza kif ukoll fiċ-ċelu tal-Pavaljun. (Bil-kortesija tal-familja Muscat)*



*Ritratt ta' Karmnu Mallia (1880-1930), statwarju (alliev ta' Karlu Darmanin) minn Ħal Qormi, missier Xandru Mallia, statwarju hu wkoll. Ħadem l-Irxoxt tan-Naxxar (1945-6).*

jimitawh, pero' b'riżultati skarsi, għaliex dan kien xogħol li sar min-nies ta' sengħa kbira, b'riżorsi llimitati, bis-saħħa tal-benefattur Naxxari, il-Markiż John Scicluna (t.16. ix.1903-m.14.ii.70).

### Jidħlu l-Imgħallmin

Min kienu dawk l-imgħallmin li ħadmu fix-xogħol ta' l-armar tal-pjazza? Dak iż-żmien, il-Markiż Scicluna kellu jaħdmu miegħu fid-Dragunara fejn kien joqgħod, ħafna nies tas-sengħa, fosthom ħafna mgħallmin Naxxarin. Ix-xogħol fuq l-armar beda hemm. Id-disinjaturi ewlenin ta' dan il-kapulavur



***Ritratt tal-Imgħallmin mastrudaxxi, li ħadmu fl-Armar tal-Pjazza. Fejn naraw mil-lemin għax-xellug; Giuseppe Decelis, (1891-1960),* Ta' Frejbusa *u Carmelo Borg (1896-1936),* Ta' Bejbet, *bilqiegħda. (Misluf minn Toni Decelis).***

kienu Giuseppe Muscat *Ta' Mas*[5] u Alfredo Azzopardi.[6] Taw sehemhom ukoll il-Kapt. Robert Mizzi kif ukoll il-mastrudaxxi Carmelo Borg *Ta' Bejbet*[7] u Giuseppe DeCelis *Ta' Frejbusa*[8] li kienu mħarrġin tajjeb ukoll fid-disinn.

L-imgħallmin mastrudaxxi li dak iż-żmien kienu jaħdmu mal-Markiż u li mexxew dan il-proġett, kienu l-istess Carmelo Borg u Giuseppe DeCelis li semmejna qabel. Ix-xogħol inbeda fid-Dragunara fejn kien isir ix-xogħol preparatorju. Wara li jitlesta, kien jinġieb f'kaxxi u x-xogħol kien jitkompla fil-maħżen tal-Palazz "Parisio" u fi kmamar oħrajn fl-istess Palazz fin-Naxxar.

Hawnhekk, wieħed jista' jgħid li kull min setà jgħin fix-xogħol, ta sehmu. Fost dawn il-mastrudaxxi Naxxarin li taw daqqa t'id insibu lil Ġanni, missier Carmelo Borg, u wliedu Manwel u Pietru; Mose' Attard *Tat-Tapp*; Ġio.Maria Pirotta *T'Ażżar*; Fabrizio Galea *Tal-Vjatku*; Ninu Gauci l-*Gwerrier*; Salvu u ħuh Ġużeppi Camilleri *Ta' Gabuba*; Ġużeppi Grima *Ta' Marikarm*; Karmnu Cachia *Ta' Ħammarun*; Anġlu Gauci *Taċ-Ċonk*; Żaru Camilleri *Ta' Ħarbat*; Salvu Gauci *Il-Poħħu*; Ġużeppi Deguara *Tal-Patri*; Ġużeppi Agius *Id-Dissi,* u oħrajn.[9]



***Ritratt meħud fl-1927 fejn naraw l-armar fil-festa tal-Vitorja. Innutaw li l-Pilandri ta' fuq iz-zuntier lesti miż-żebgħa, filwaqt li l-bqija tal-armar l-ieħor għadu bl- 'undercoat".***

L-iskultura fina fl-injam mastizz hija xogħol l-iskulturi Alfredo Azzopardi mill-Imsida, Antonio Agius mill-Birgu u ieħor min-Naxxar jgħidulu *Ta' Dun Piet*.[10] Il-borduri dekorattivi magħmulin mill-pasta mal-pilandri u l-pedistalli ta' l-Anġli huma xogħolhom ukoll. L-armar, minbarra xogħol fl-injam, fih ħafna xogħol ta' ħadid u ferrobattuto bħal pilandri bil-weraq tagħhom. Il-ħaddieda Naxxarin, magħrufin għax-xogħol tagħhom urew kapaċità kbira fix-xogħol ta' dan l-armar li fih ukoll ħafna xogħol ieħor ta' ħadid li ma jidhirx minn barra.

Il-ħaddieda Naxxarin kienu Carmelo Calleja, u ħuh Vincenzo *Ta' Pietru Pawl*; Giuseppe Mercieca *Ta' L-Għafsa*; Rikardu Borg; Fidiel Pirotta u ibnu Abel *T'Ażżar*; Vittorio Attard *Il-Lurlu*; Mose' Balzan *Ta' Lilop*; Vinċenzo Scerri *Tal-Kik*; Ġużeppi Muscat *Ta' Benedittu* u ħuh Manwel fost l-oħrajn.[11] L-imgħallem Carmelo Calleja ħadem l-ewwel pilandra bil-weraq tagħha, għall-kolonna ta' fuq iz-zuntier biex il-ħaddieda l-oħra jagħmlu bħala.[12]

Kulħadd kien fuq il-linja tax-xogħol tiegħu, saħansitra fid-dekorazzjoni u l-pittura. Min kien jispeċjalizza fuq tip ta' kulur marmorju u min fuq ieħor.[13] Id-dekoraturi kienu s-surmast Vittorio Scerri *Ta' Saverja* u Michele Fenech *Ta' l-Orbu*. It-tnejn li huma kienu jispeċjalizzaw ħafna fl-imitazzjoni ta' l-irħam, (Pittura Marmorea). Dwar l-induratura, Joseph Fenech isemmi lil ċertu 'Ciancio'. Ġużeppi Scerri *Ta' Vitor l-Organista* ħadem mil-landa, il-kruċetti ta' fuq l-antarjoli tat-trofej forma ta' salib tal-Kavallieri.[14] Dan ħadimhom f'dar numru 14, Pjazza Vittorja.[15]

Biex jinġabru l-fondi meħtieġa għall-ħlas ta' l-Anġli u għal spejjeż oħra kien tlaqqa' kumitat immexxi minn Pawlu Catania (1899-1978), ħaddiem ieħor mal-Markiż.



***Ritratt ta' waħda mill-Armi tat-Trofej, pittura ta' Vittorio Scerri. Innutaw is-swaba tal-puttini skulturati fl-injam. Il-puttini jintramaw ma' dawn l-armi.***

## L-1927 u l-Armar ġdid tal-Pjazza

Fuq dan l-armar tkellimt ma' Mro. Joseph Fenech li f'dak iż-żmien kellu 10 snin. Ġużeppi ta' spiss kien imur ma' nannuh, Vittorio Scerri li kien qed jiddekora l-armar. Ġużeppi qalilna hekk:

"Sa minn qabel l-1927 kien inbeda x-xogħol fuq l-armar ġdid u uniku li kellu jżejjen il-Pjazza tan-Naxxar fil-festa tal-Vitorja. Xogħol li kien imħallas kollu mill-Markiż John Scicluna (iċ-Cisk), li kien benefattur kbir tan-Naxxar.

Meta fl-1927 tlestew il-kolonna għall-pilandri, il-pedistall għall-anġlu u l-kolonna bl-arma għat-trofew, dawn intramaw ħdejn il-Madonna tal-Karmnu sabiex jarawhom in-nies qabel ma jiġu ddekorati, impittra u ndurati. Ix-xogħol ta' dekorazzjoni kellu jsir fil-maħżen tal-Palazz quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp, qrib tal-knisja. In-nies li kellhom jagħmlu dawn ix-xogħolijiet kienu l-induratur 'Ciancio', Vittorio Scerri u Mikiel Fenech. Ciancio kien jieħu ħsieb jindura l-iskultura ta' l-injam billi l-ewwel jagħti l-mordent, li kienet bħal żebgħa safra biex fuqha jitpoġġa d-deheb. Vittorio Scerri kien jieħu ħsieb iż-żebgħa li kellha tkun 'imitazzjoni perfetta' ta' rħam aħdar, iswed u abjad. Mikiel Fenech kien jieħu ħsieb l-irħam isfar, aħmar u kannella. Kienu jimitaw ukoll 'Mużajk' ta' lewn differenti fil-bażi taz-zokklatura tal-kolonni u mkejjen oħra.

Vittorio kien ipitter biż-żejt is-simboli tal-Madonna (invokazzjonijiet mil-Litanija bħal *Turris Davidica, Stella Matutina*, Rosa Mystica etc.).[16] L-ewwel kien jagħmel 'sketch' bil-lapes u 'carbonella' fuq mudell tal-karta strazza, wara kien ipoġġi l-mudell f'postu, fil-fond (jew l-iskudett) ta' l-arma tat-Trofew u jibda jabbozza s-suġġett li jkollu. Dan kien jiġi rfinat biż-żebgħa taż-żejt. Meta sar it-tiġdid taż-żebgħa ta' l-armar, dawn l-armi baqgħu kif għamilhom oriġinarjament Vittorio Scerri".

Is-Sur Victor Gauci ħa ħsieb iġedded iż-żebgħa tal-armar peress li biż-żmien kienet intilfet u riedet tiġdida. Dan ir-restawr sar kemm fis-sittinijiet (1965-68), kif ukoll 30 sena wara fid-disgħinijiet (1994-96).



***Ritratt ta' Carmelo Fenech (1919-72), (li jiġi n-neputi ta' Vittorio Scerri), ma' waħda mill-bandalori ġodda tat-trofej. Meħud f'Santa Marija tax-Xagħra, fejn sar ix-xogħol. (ritratt 4/9/1968). (Misluf minn Charles Attard).***

## L-Anġli

L-anġli sbieħ, mislutin u kulur il-bronż, huma mlibbsin l-ilbies bil-piegi naturali li qishom tad-drapp veru. Huma raffigurati fuq sħaba bi ġwenħajhom ippuntati miftuħin, qishom għadhom kif niżlu mis-smewwiet u qagħdu b'riġel wieħed biss, kemm kemm



***Il-'crane' li beda jintuża flok is-sellum forċi biex jintrama l-armar tal-Pjazza. (3.ix.1972). Ritratt N. Grech. (Misluf minn Charles Attard).***



***Disinni minn Ġużeppi Grima (1887-1960),* Ta' Marikarm, *ta' xi armar li kien jintrama fil-Pjazza qabel l-1927.***

imissu l-pedistalli. Kull wieħed minn dawn l-anġli, f'id minnhom għandu pilandra żgħira tal-ħadid filwaqt li fl-id l-oħra qed iżomm simbolu tal-Madonna.[17] Dawn l-Anġli tal-kartapesta, 9 kbar u 24 Puttini, (2 ma' kull Trofew), x'aktarx li huma xogħol l-istatwarju Karmnu Mallia, *il-Lhudi* minn Ħal-Qormi, minħabba li jixbhu ħafna lix-xogħol ta' Karlu Darmanin, għalkemm ma sibt xejn miktub li huma tiegħu. Karmnu Mallia kien l-alliev ewlieni ta' Darmanin u kien xtara ħafna mill-forom tal-korpi u l-uċuħ mingħandu.[18]

Meta sar l-ewwel restawr fis-sittinijiet, l-anġli ġew irrestawrati wkoll. Dan ir-restawr sar mill-istatwarju Xandru Mallia (1912-1970), iben Karmnu *l-Lhudi*.[19] Peress li kien hemm xi ġwienaħ neqsin, dawn saru mill-istess forom li kienu saru bihom oriġinarjament.

Billi dawn l-anġli kienu tal-kartapesta u din il-festa tiġi fil-bidu ta' Settembru, żmien ta' taqlib fit-temp, kull sena trid tirranġa xi ħsarat li jġarrbu. Għalhekk kienet ittieħdet deċiżjoni li dawn isiru tal-'Fibre'. Dan ix-xogħol sar bejn l-2000 u l-2003 għas-somma ta' LM5220 jew LM580 kull anġlu. Dawn il-flus tħallsu minn diversi benefatturi, soċjetajiet Naxxarin kif ukoll mill-fondi tal-ġbir għall-festa[20].

**Manutenzjoni u Restawr**

Għal snin twal dan l-Armar qatt ma kellu manutenzjoni u għalhekk ġratlu ħafna ħsara. Barra minn hekk, il-post fejn jintrefa' kien umduż ħafna tant li, ħafna miż-żebgħa tqaxxret u ħafna mill-injam issewwes waqt li partijiet mill-iskultura kienet nieqsa.

Fis-snin ħamsin kien sar tentattiv biex dan l-Armar jiġi rrestawrat. Kien hemm min oppona u qamu xi kwistjonijiet. Kienet inqalet kontroversja għaliex xi wħud ma qablux li tintmess id-dekorazzjoni. Riedu li dik li kien hemm tiġi biss irrestawrata biex jibqa' l-oriġinal. Dan ma kienx possibli. L-istat taż-żebgħa tant kien ħażin li ried isir kollox mill-ġdid.

Fis-sittinijiet, l-armar kien verament fi stat ħażin. Wara aktar minn tletin sena kien beda jitkisser u ż-żebgħa spiċċat! Kien Victor Gauci[21] *Ta' Consiglia*, li ħa l-inizjattiva biex din l-opra ma tintilifix. Dan ma kienx xi proġett faċli u bilfors ried l-għajnuna. Victor tkellem ma' Ġużeppi Attard *Tax-Xewwiek*, li kien mastrudaxxa kapaċi u ma' Ċensu Fenech *Ta' Bla Snien*, fuq l-istat xejn feliċi li kien jinsab fih l-armar u ddeċidew li jkellmu lill-Arċipriet Dun Pawl Said.[22] Qalulu bil-ħsieb tagħhom u dan aċċetta.

Qabel beda x-xogħol ftehmu li Ġużeppi Attard ikun responsabbli mix-xogħol ta' l-injam. Kellu biċċa xogħol kbira għax kellu jibdel injam li kien msewwes u jirranġa wkoll l-iskultura nieqsa li kien hemm. Ċensu Fenech kien responsabbli mill-preparazzjoni taż-żebgħa qabel id-dekorazzjoni. Din kienet biċċa xogħol tedjanti ħafna għaliex ried jaħraq iż-żebgħa l-antika, titnaddaf sewwa u wara jingħata passata bil-minju minn barra

u minn ġewwa għas-saħħa ta' l-injam. Wara jingħataw żewġ passati bojod biex ikunu ta' bażi għad-dekorazzjoni li kellu jieħu ħsiebha Victor Gauci.[23] Meta tlestew xi kampjuni tad-dekorazzjoni, dawn intwerew lin-nies u ntlaqgħu tajjeb. Ix-xogħol fuq l-armar tkompla u ġew oħrajn jagħtu l-għajnuna tagħhom.[24]

Barra dan ix-xogħol, riedu jinbidlu 12-il



*Wieħed mill-pedistalli li fuqhom jistrieħu l-Anġli tal-pjazza.*



*Dettall ta' wieħed mill-pedistalli ta' l-Anġli tal-pjazza.*

bandalora u d-drapp tat-72 standard tat-trofej. Din ir-responsabilità ħadha f'idejh Carmelo Fenech *Tat-Tilambomm*, li għamel anke l-pittura fuq il-bandalori. Karmnu Bellia u Salvatore Camilleri *iċ-Ċaku,* ħadu ħsieb li jbiddlu s-sistema ta' l-elettriku tal-pilandri. Dawn il-pilandri sarulhom xi tiswijiet minn Ġużeppi Galea. Dan ir-restawr kollu sar fil-maħżen ta' l-Armar fi Triq l-Oratorju ħlief għad-drapp, li sar fil-Kappella ta' Santa Marija tax-Xagħra. Sentejn sħaħ ta' xogħol nhar ta' Sibt, Ħadd u ġranet oħra matul il-ġimgħa bejn l-1965 u l-1968. Kollox sar kif ippjanat. Kienu ntefqu LM500 u x-xogħol sar kollu b'xejn.[25]

Dan l-armar għadna ngawduh sal-lum bis-saħħa ta' dawn in-Naxxarin qalbiena. Huma għarfu japprezzaw l-arti li kien fih u ta' patrijotti li kienu, ma ħallewhx jinqered. Dan ix-xogħol fuq l-armar sar fost ħafna sagrifiċċji personali u ġie rrestawra kif qegħdin narawh illum. Għalhekk għandna dejjem nibżgħu għalih u ma nitraskurawhx għaliex hija opra ta' arti kbira, frott is-sengħa Naxxarija maħdum min-Naxxarin għall-imħabba tal-Verġni Marija Bambina, Patruna tar-raħal tagħna.

Dan l-artiklu niddedikah lil dawk in-nies li ħadmu f'dan l-armar kif ukoll, lil dawk id-dilettanti kollha Naxxarin li ħallew din id-dinja għall-ħajja aħjar, speċjalment lil Joe Agius, Salvatore Camilleri u Victor Gauci li ħallewna matul din s-sena.

## Noti:

1) Artiklu; 'Naxxarin Bħalna, Il-Markiż John Scicluna'. (Programm Festa, Għaqda Mużikali Vittorja Naxxar 2007).

2) Il-Kapt. Robert Mizzi, (t.16.vi.1879-m.03.iii.1962). Fis-sena 1918 ġie joqgħod in-Naxxar. Hu kien irtirat mir-'Royal Malta Artillery' (R.M.A.), kien mill-Birgu u kien jiġi z-ziju tal-mara tal-Markiż John Scicluna. Kapt. R. Mizzi kien disinjatur u dekoratur, mexxej mill-aqwa u benefattur kbir ta' din il-parroċċa. Huwa mill-ewwel daħal fl-ispirtu tar-raħal u medd għonqu għax-xogħol. Beda jieħu ħsieb il-festa ta' barra. Fl-1920, meta kienet spiċċat il-gwerra, il-festa kibret. L-armar kollu ta' barra (il-qadim), ġie miżbugħ (jew impitter), mill-ġdid taħt id-direzzjoni tal-Kapt R. Mizzi u hu stess ħadem fil-pittura.

3) Giuseppe Grima: Manuskritt A.P.N. 'Tifkiriet u Aħbarijiet fuq il-Festi Titulari li saru fil-Knisja Parrokkjali u Matriċi Tagħna n-Naxxar'.

4) Ix-xogħol fl-injam ta' dawn iż-żewġ Piramidi l-kbar ta' maz-zuntier, sar kollu kemm hu minn Giuseppe DeCelis. Komm. verbali diretta minn Anthony Decelis (iben Giuseppe).

5) Giuseppe Muscat jew Ġużè *Ta' Mas* (1886-1947), minn B'Kara. Disinjatur u dekoratur. Programm tal-Festa 2007.

6) Alfredo Azzopardi (1880-1949). (Programm tal-Festa 2007); Disinjatur, skultur u statwarju.

7) Karmnu Borg *Ta' Bejbet* (1896-1936); Mastrudaxxa. Fil-bidu tal-għoxrinijiet mar għal xi żmien 'Detroit', fl-Amerika, flimkien ma' Naxxarin oħra biex jaħdem. Miet b'disgrazzja, l-għada li taret il-kamra tan-nar tan-Naxxar, Il-Ħadd 14 ta' Ġunju 1936 f'eta ta' 40 sena. Sakemm kien għadu ħaj kien wieħed li jarma l-Pavaljun wara li sar fl-1927, flimkien ma' Ġużeppi DeCelis.

8) Giuseppe DeCelis *Ta' Frejbusa* (t.30.viii.1891-m.31.v.1960); Mastrudaxxa. Ta' 18-il sena, fl-1910, mar l-Amerika fuq l-S.S. Excelsior sa Southampton u minn hemm qabdu l-S.S. Olympic għal New York fl-Amerika.

9) Xi wħud minn dawn l-ismijiet għaddihomli s-Sur Charles Attard.

10) Ibid Charles Attard.

11) Gauci. G. Festa 1997.

12) Ibid Charles Attard.

13) Komunikazzjoni verbali diretta minn Mro. Ġużeppi Fenech.

14) Is-Salib bi tmien ponot ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann juri t-tmien Bejatitudnijiet ta' Sidna Ġesù Kristu.

15) N.Grech. Prog.; 'Peace Band Club' Festa 1994.

16) Invokazzjonijiet bil-Latin mil-Litanija tal-Madonna fuq it-trofej tal-pjazza huma: (Nibdew mit-Trofew ta' quddiem il-Każin tal-futbol u nibqgħu nduru mal-Pjazza); (1) Causa Nostrae Laetitiae; (2) Virgo Potens; (3) Rosa Mystica; (4) Virgo Praedicanda; (5) Turris Davidica; (6) Turris Eburnea; (7) Stella Maris; (8) Ave Maria; (9) Regina Sine Labe Concepta; (10) Regina Virginum; (11) Speculum Justitiae; (12) Stella Matutina.

17) Simboli ta' l-Anġli. Nibdew mill-Anġlu ta' ħdejn l-ispiżjar: (1) Werqa taż-żebbuġa; (2) Werqa tal-Palma; (3) Xandrija; (4) Girlanda tar-Rand; (5) Ġilju; (6) 12 -il Kewkba; (7) Xettru; (8) Sejf; (9) Kuruna. Oriġinarjament kien hemm il-ħsieb li dawn l-Anġli kellhom isiru ta' l-injam. Komm. verbali diretta minn Frans Muscat.

18) Carmelo Mallia; (1880-1930). 'Bla dubju ta' xejn l-alliev li spikka minn taħt idejn Karlu Darmanin (1825-1909), kien Karmnu Mallia jew *il-Lhudi*. Ħadem ħafna xogħolijiet li baqa' magħruf għalihom sal-ġurnata tal-lum. Fost dawn insibu l-vara titulari tad-Duluri ġo San Pawl il-Baħar, (għalkemm Patri A. Bonniċi jgħid li sab dokument li juri li hi ta' Darmanin). Mallia kellu ħafna xogħolijiet ġo l-Imqabba, Ħal Għaxaq u ġo raħal twelidu Ħal-Qormi. Forsi l-iktar statwa magħrufa li kellu ġo Ħal-Qormi kient il-vara ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel li wara kienet intbagħtet ir-Rabat, Għawdex. Mallia kien jaħdem fil-ħanut tax-xogħol f'numru 178, 'Strada Reale' San Ġorġ Ħal-Qormi, u kien joqgħod nru.21, Triq San Ġużepp, Ħal-Qormi stess. (Mill-ktieb 'Il-Karmelitani f'Santa Venera' ta' Patri Serafin Abela O.Carm. p. 57).

19) Xandru Mallia *Tal-Lhudi*, statwarju, iben Karmnu Mallia. Fost xogħolijiet minn tiegħu nsibu l-Istatwa ta' l-Irxoxt fin-Naxxar li żżanżnet fl-1946 fi żmien il-Kappillan Dun Manwel Micallef (1893-1958). Xandru kien irranġa l-Imgħobbi l-antik ta' Laferla fl-1948.

20) Benefatturi ta' l-Anġli li saru tal-"Fibre"; Nibdew mill-Anġlu ta' ħdejn l-ispiżjar: (1) Benefatturi diversi; (2) Imħallas mill-fondi tal-festa; (3) Imħallas mill-fondi tal-festa; (4) Imħallas mill-"Peace Band Club"; (5) Imħallas minn Dun Karm Catania; (6) Imħallas mill-familja Muscat; (7) Miġbur minn Ġużeppi Catania; (8) Imħallas minn Toni Muscat; (9) Imħallas minn bosta benefatturi.

1) Victor Gauci, (t.01.xi.1924-m.03.v.2008), disinjatur, skultur, pittur, u 'Maitre ébéniste', (Mastru Ebanista). Studja d-disinn u l-iskultura taħt is-surmast Ignazio Cefai (1893-1980), bħal missieru Antonio (Ninu) (1886-1938), li kien studja taħt il-Professur Giuseppe Cali' (1846-1930). Ħalla din id-dinja għall-ħajja aħjar is-Sibt 3 ta' Mejju 2008. (Għal aktar tagħrif ara l-Artiklu tas-Sur Victor Scerri; Victor Gauci, Prog. Festa "Peace Band Club" 2001).

2) Dun Pawl Said minn Ħ'Attard, it-tieni Arċipriet tal-Parroċċa. Fi żmienu nbeda x-xogħol tal-bini ta' wara l-Knisja, il-bini tal-maħżen għall-armar u tkomplija tal-bini ta' l-Oratorju. Saret ukoll id-dekorazzjoni tal-koppla prinċipali tal-Knisja u anke tal-kapitelli kollha. Fis-sena 1973 Dun Pawl ġie nnominat Monsinjur tal-Katidral. Mons. P. Said ħalla l-Parroċċa fil-bidu tas-sena 1974 u mar joqgħod Ħ'Attard. Tagħrif ta' Francis Gauci (1922-84).

3) Iż-żebgħa li ntużat fid-dekorazzjoni, kien jisimha, "Rylard".

4) Fost dawk li taw daqqa t'id (1965-68), insibu lil Salvu Borg, Lolly iben Censu Fenech, Ġanni Falzon, Ġanni Buhagiar, Frans Muscat, Richard Massa, Joe Agius, Nenu Cortis, filwaqt li Wiġi Spiteri *Ta' Marozza*, kien ikun preżenti. (1994-96), Victor Gauci, Dun Karm Catania, Joe u ibnu David Agius, Joe Gauci u wliedu, Emmanuel Pullicino, Abram Bellia, Peter Galea, Salvu Abela u Karmnu Vella, fost oħrajn.

5) V.Gauci; Festa 1995. L-uniku ħlas li kienu jieħdu kien, flixkun *soft drink* żgħir, il-Ħadd filgħodu. (Tagħrif mogħti minn Lolly Fenech li kien ikun ma' missieru Ċensu).

**Nota**

Jiena ċert li matul is-snin kien hemm aktar nies li kienu jagħtu daqqa t'id iżda ma stajniex insemmu lil kulħadd. Niskuża ruħi bil-quddiem jekk ħallejt lil xi ħadd barra.

**Ħajr**

Maestro Joseph Fenech, Tereża Fenech, Anthony Decelis, Joe Agius, Lolly Fenech, Charles Attard, Joseph Muscat, Frans Muscat, Paul Catania.


# Flower Arrangments

għall-okkażjonijiet kollha

Prezzijiet moderati għal xogħol professjonali



**ANNA ZAMMIT**

**Azalea 23, Triq il-Kanada, Sgħajtar, Naxxar**

**Tel: 2743 0604 - Mobile: 7943 0604**